MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 640/1996/1

**Dionisius sive Dennis Calleja**

**vs**

**Louise Calleja u b'digriet tas-7 ta' Marzu 1997 gew mizjuda l-kliem "f'isimha stess u bhala legittima rapprezentanti ta' bintha minuri Kyra Fields" u Mark Fields
u b'digriet tat-22 ta' Jannar 1997 gie kjamat in kawza id-Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti:**

**I. PRELIMINARI**

1. Dan hu appell li l-attur intavola fil-konfront ta’ sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Civili fid-9 ta’ Jannar 1998. Din is-sentenza sejra tigi riprodotta biex tinghata stampa shiha tal-kwistjoni involuta u tal-motivazzjoni ta’ l-ewwel Qorti li wasluha biex tichad it-talba ta’ l-attur:-

“Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fis-27 ta’ Frar 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-kontendenti huma mizzewgin u prezentement ghandhom kawza ghas-separazzjoni personali kontra xulxin; illi l-konvenuta ilha ghal dawn l-ahhar tlett snin ikollha relazzjoni mal-konvenut Mark Fields li minnu diga` kellha tarbija ohra; illi fit-18 ta’ Lulju 1995 il-konvenuta kellha tarbija ohra li twieldet l-Ingilterra, liema tarbija jisimha Kyra Fields li ukoll hija frott naturali tal-konvenut Mark Fields; illi llum jehtieg li jigi dikjarat li l-imsemmija tifla m’hijiex it-tifla naturali ta’ l-attur; talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara u tiddeciedi li t-tifla Kyra Fields li twieldet l-Ingilterra fit-18 ta’ Lulju 1995 m’hijiex il-bint naturali ta’ l-attur.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-attur.

Rat in-nota tal-konvenuta Louise Calleja prezentata fit-18 ta’ Lulju 1996 li permezz taghha iddikjarat li hija taqbel li t-tarbija Kyra Fields m’hijiex il-wild naturali ta’ l-attur u ghalhekk it-talbiet ta’ l-attur ghandhom jigu milqugha.

Rat in-nota tal-konvenut Mark Fields prezentata wkoll fit-18 ta’ Lulju 1996 fejn iddikjara li jaqbel li t-tarbija in kwistjoni m’hijiex ta’ l-attur u ghalhekk it-talbiet ghandhom jigu milqugha.

Rat in-nota tal-kjamat fil-kawza Direttur tar-Registru Pubbliku prezentata fis-7 ta’ Mejju 1997 li permezz taghha eccepixxa illi huwa mhux edott mill-fatti allegati fic-

citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, izda fi kwalunkwe kaz ma ghandux ibati spejjez.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-kjamat fil-kawza.

Rat il-verbal ta’ l-udjenza tas-7 ta’ Novembru 1997 meta d-difensur ta’ l-attur iddikjara li ma kellux provi xi jressaq in vista tal-fatt li bejn il-partijiet koncernati hemm qbil dwar il-fatti premessi fic-citazzjoni. Rat ukoll li dak inhar il-kawza giet imhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum anke in vista ta’ l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi f’din il-kawza, ghar-ragunijiet maghrufa biss lill-partijiet, ma ingiebu ebda provi. L-attur qieghed jistrieh fuq l-ammissjoni tal-konvenuta Louise Calleja li fin-nota taghha iddikjarat li taqbel ma’ dak li kien qed jigi allegat fic-citazzjoni. Izda skond is-subinciz 2 ta’ l-Artikolu 70[1] din id-dikjarazzjoni mhux sufficjenti sabiex it-talba tigi milqugha.

Illi inoltre l-azzjoni odjerna giet ipprezentata “fuori termine”. Infatti kif jidher mill-premessi tac-citazzjoni t-tarbija Kyra Fields twieldet fit-18 ta’ Lulju 1995 filwaqt li c-citazzjoni giet prezenta fis-27 ta’ Frar 1996 u cioe` aktar mit-terminu ta’ sitt xhur preskritt fl-Artikolu 73 tal-Kap. 16. Barra minn hekk ma ingiebet ebda prova biex tiggustifika dan id-dewmien skond is-subincizi (b) u (c) ta’ l-istess Artikolu.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-attur.”

## II. L-APPELL

[1] Ir-referenza hi evidentement ghall-Artikolu 70(2) tal-Kodici Civili, Kap. 16.

2. Ghar-ragunijiet li gew spjegati mill-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu, huwa talab li, prevja li jithalla jressaq il-provi kollha opportuni, s-sentenza appellata tigi revokata u minflok tintlaqa’ t-talba ta’ l-atturi.

3. L-appellata Louise Calleja proprio et nomine, kif ukoll l-appellat Mark Fields bazikament sostnew it-tezi ta’ l-appellant u irrimettew ruhhom ghad-decizjoni ta’ dina l-Qorti.

4. L-appellat Direttur tar-Registru Pubbliku wkoll irremetta ruhu ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti, izda sostna li huwa ma kellux “*locus standi*” f’din il-kawza u lanqas jista’ jesegwixxi xi eventwali sentenza ghaliex it-twelid tat-tarbija in kwistjoni ghadu ma giex registrat fir-Registru Pubbliku ta’ Malta.

**<u>III. KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI</u>**

5. Ma giex kontestat li l-appellata Louise Calleja kellha tarbija Kyra Fields li twieldet l-Ingilterra fit-18 ta’ Lulju 1995. Dan it-twelid ghadu ma giex registrat fir-Registru Pubbliku. Ghalhekk is-sottomissjoni maghmulha mill-appellat Direttur tar-Registru Pubbliku, cioe` li f’dana l-istadju m’ghandux ikun parti fil-kawza, hija sottomissjoni pjuttost valida mill-punto di vista strettament procedurali. Pero`, ma sar xejn hazin li dan l-appellat gie kjamat bhala parti f’din il-kawza mill-ewwel Onorabbli Qorti. Infatti, mhux eskluz li dan it-twelid ikun eventwalment registrat fir-Registru Pubbliku Malti. Bid-decizjoni ta’ l-ewwel Qorti li ssejjah fil-kawza lid-Direttur tar-Registratur Publiku, l-istess Direttur gie mqieghed f’pozizzjoni li jsegwi l-andament ta’ din il-kawza u b’hekk jiehu parti mill-bidu nett fit-tfitxija tal-verita` dwar l-istatus civili tal-minuri Kyra Fields. Dan hu l-kompitu veru ta’ din il-Qorti. Certament dana l-appellat, izda, m’ghandux ibati ebda spejjez.

6. Din il-Qorti fliet il-process u ma tistax ma tirrimarkax li l-attur mexa bi traskuragni kbira fil-produzzjoni tal-provi quddiem l-ewwel Qorti. Huwa ibbaza wisq fuq il-fatt li l-konvenuti qablu mieghu ghal dak li jirrigwarda l-fatti rilevanti u fuq il-fatt li l-kjamat in kawza ma qajjem ebda

kontestazzjoni quddiem l-ewwel Qorti u irrimetta ruhu ghad-decizjoni ta’ l-istess Qorti.

7. L-appellant jidher li ttraskura l-fatt li l-ligi stess, fis-subartikolu (2) ta’ l-Artikolu 70 tal-Kodici Civili, twissi li d-dikjarazzjoni biss ta’ l-omm fis-sens li zewgha mhux missier it-tarbija ma tkunx bizzejjed biex teskludi l-paternita` tar-ragel. Ghalhekk, l-ewwel Qorti ma espremiet l-ebda spropozitu legali meta irriteniet li din id-dikjarazzjoni ta’ l-appellata ma kinetx sufficjenti sabiex it-talba ta’ l-attur tigi milqugha.

8. Din il-Qorti diversament preseduta u komposta ippermettiet lill-appellant li jressaq il-provi necessarji in sostenn tat-talba tieghu f’dana l-istadju ta’ l-appell. Din il-Qorti hadet din id-decizjoni billi il-ligi relattiva kienet tippermettilha li taghmel dan, fl-ahjar interess ta’ l-imsemmija minuri.

9. L-espert Christopher Farrugia gie inkarigat mid-*DNA profiling tests* u dan ikkonferma r-rapport esibit a fol. 79. Huwa ikkonferma li mill-analizi li saru jirrizulta li l-appellant ma jistax ikun il-missier biologiku ta’ Kyra Fields.

10. Dwar il-kwistjoni sollevata mill-ewwel Qorti u cioe` dik li ma saritx il-prova li c-citazzjoni odjerna saret fit-terminu ta’ mija u tmenin gurnata previst mill-ligi, din il-Qorti, issa hija sodisfatta, <u>mill-provi li saru quddiem din il-Qorti fl-istadju ta’ l-appell</u>, li c-citazzjoni odjerna saret fi zmien utili. Infatti, irrizulta li l-appellant sar jaf bit-twelid tat-tarbija ghall-habta ta’ l-ahhar ta’ Dicembru 1995 u c-citazzjoni odjerna gietipprezentata fis-27 ta’ Frar 1996. Ghalhekk, illum, id-diffikulta` sollevata mill-ewwel Qorti tinsab sorvolata.

11. Fl-isfond tal-provi kollha <u>llum</u> akkwiziti fil-process hemm lok li l-appell jintlaqa’ u t-talba ta’ l-appellant, kif maghmuha fic-citazzjoni tigi milqugha. Pero`, mehud in konsiderazzjoni l-operat pjuttost inspjegabbli ta’ l-appellant li naqas li jressaq provi sufficjenti fl-istadju li proprjament kellu jressaqhom, ikun xieraq li jkun hemm temperament fil-kap ta’ l-ispejjez.

12. Ghal dawn il-motivi:

1. Tilqa’ l-appell u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata;

2. Tilqa’ t-talba ta’ l-attur appellant, ezattament kif dedotta fl-att tac-citazzjoni;

3. Tordna li l-ispejjez ta’ l-ewwel istanza jibqghu kollha a kariku ta’ l-attur appellant.

4. Tordna li l-ispejjez ta’ din l-istanza ikunu sopportati unikament kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-attur Dionisius sive Dennis Calleja, kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-konvenuta Louise Calleja proprio u kwantu ghar-rimanenti terz ($^{1}/_{3}$) mill-konvenut Mark Fields.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------